MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Numru 609/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**
**vs**

**PAUL MICHAEL KAVANAGH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Paul Michael Kavanagh 30 sena bin David u Pauline nee' Zammit imwieled Birmingham Ingilterra fit-18 ta' Jannar 1978 u li joqghod 16 Flat 1 Telghet Rahal Gdid. Detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 78301(L).

Billi gie akkuzat talli:

F’xi hin matul-il granet ta’ bejn it-3 u s-6 ta’ Dicembru 1999 mill-fabbrika bl-isem ‘Jet Glass Ltd. sitwata fil-Qasam Industriali ta’ San Gwann, kkommetta serq ta’ apparat varju li huwa essenzjali ghan-navigazzjoni u oggetti ohra ghad-dannu ta’ Anthony Farrugia u persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ Anthony Farrugia liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda li ma tiskorrix-il mija u sittax-il Ewro u sebgha u gherbejn centezmu (€116.47).

Fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ Lino Cremona liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix-il mija u sittax-il Ewro u sebgha u gherbejn centezm (€116.47).

Fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ Mario Borg Gauda liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix-il mija u sittax-il Ewro u sebgha u gherbejn centezmu (€116.47).

Fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ Emanuel Saliba liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix-il mija u sittax-il Ewro u sebgha u gherbejn centezmu (€116.47).

Fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' Joseph Camilleri liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix-il mija u sittax-il Ewro u sebgha u gherbejn centezmu (€116.47).

Fl-istess data u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, ndahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li nkwantu ghall-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, dina l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab lill-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum Dr Peter Fenech ghall-imputat eccepixxa l-preskrizzjoni ta' sentejn rigward it-tieni akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza u l-hames akkuza

migjuba kontra l-imputat u f'dan ir-rigward ghamel referenza ghall-artikolu 688(e) tal-Kap. 9, liema akkuzi huma kollha intavolati a tenur tal-artikolu 325(c) tal-Kap. 9.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni mhux qeghda tikkontesta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mid-Difiza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(b), (c) u (g), 263, 267, 271(d), 278(3), 279(b), 280(2), 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Paul Michael Kavanagh, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Paul Michael Kavanagh ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Paul Michael Kavanagh jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Paul Michael Kavanagh li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Paul Michael Kavanagh stante li din l-ahhar akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza li tirrigwarda serq aggravat.

Rigward it-tieni akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba' akkuza u l-hames akkuza migjuba kontra l-imputat, il-Qorti taghmel referenza ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' sentejn sollevata minn Dr Peter Fenech ghall-imputat fis-Seduta

tallum rigward dawn l-akkuzi, fejn ghamel referenza ghall-artikolu 688(e) tal-Kap. 9, liema akkuzi huma kollha intavolati a tenur tal-artikolu 325(c) tal-Kap. 9. Inoltre il-Qorti tosserva li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni mhux qeghda tikkontesta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mid-Difiza. Innutat li rigward dawn l-imsemmija akkuzi japplika it-terminu ta’ preskrizzjoni ta’ sentejn kif previst fl-artikolu 688(e) tal-Kap. 9. Osservat li id-dati meta allegatament sehhew ir-reati skond dawn l-akkuzi kienu bejn it-3 u s-6 ta’ Dicembru, 1999 u li it-Tahrika tal-Pulizija fil-kawza odierna iggib id-data tal-14 ta’ Lulju, 2008. Ghaldaqstant il-Qorti tilqa’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ta’ sentejn sollevata fis-Seduta tallum minn Dr Peter Fenech ghall-imputat rigward it-tieni akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba’ akkuza u l-hames akkuza migjuba kontra l-imputat, tiddikjara li dawn l-imsemmija akkuzi huma preskritti a tenur tal-artikolu 688(e) tal-Kap. 9 u ghaldaqstant tillibera lill-imputat Paul Michael Kavanagh mit-tieni akkuza, it-tielet akkuza, ir-raba’ akkuza u l-hames akkuza migjuba kontra tieghu stante preskrizzjoni ta’ sentejn.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Paul Michael Kavanagh sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ elf u seba’ u tletin Ewro u tnejn u hamsin centezmi ta’ Ewro (Ewro 1037.52) bhala spejjez inkorsi bin-nomina ta’ Esperti fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha gie esebit fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok RB1.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Paul Michael Kavanagh l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti, tordna a tenur tal-artikolu 382A (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------